MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 1571/1992/1

**P. u D. konjugi S.**

**vs**

**Joseph Grech ghan-nom u in rapprezentanza ta' Gasan Insurance Agency Limited u din bhala mandatarja tas-socjeta` assikuratrici estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation plc; u b'nota tas-16 ta' Frar 1993 Dr Peter Borg Costanzi assuma l-atti tal-kawza fir-rigward tal-konvenut nomine minflok Joseph Grech**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni P. u D. konjugi S. ppremettew illi fil-5 ta' Gunju 1991 ibbukkjaw vjagg ma' l-Astra Tours u hallsu depositu ta' Lm40 ghal dan il-vjagg ghal tnejn sabiex imorru *Tour* fl-Iskandinavja li kellu jitlaq minn Malta fis-17 ta' Awissu 1991.

Peress illi fit-12 ta' Lulju D. S. giet referita lill-Profs. E. A. Agius mill-mediku taghha minhabba tracci ta' demm li kultant kienet tara.

Peress illi fit-30 ta' Lulju 1991 l-attur u martu hallsu l-bilanc ta' Lm950 ghat-*tour*.

Peress illi fil-5 ta' Awissu 1991 l-atturi ottjenew *Inclusive Travel Policy* minghand il-konvenuti li kienet tkopri wkoll kaz ta' *unavoidable cancellation*.

Peress illi fil-15 ta' Awissu 1991 l-attrici kellha tmur l-Isptar ghal intervent kirurgiku u ghalhekk ikkancellaw it-*tour* u Astra Tours irrifondew biss Lm400 u b'hekk l-atturi batew telf ta' Lm590.

Illi ghalhekk l-atturi talbu li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghar-refuzjoni ta' l-ammont fuq imsemmi u li l-konvenut jigi kkundannat jhallas l-ammont ta' Lm590.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT NOMINE**

2. Il-konvenut nomine eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti billi fil-mument ta' l-assigurazzjoni, l-attrici kienet taht kura medika u qed tistenna r-rizultat tad-*Diagnostic D & C* u ghalhekk ma tistax ssir talba taghhom a bazi tal-"*Health Warranty*" fil-polza ta' assigurazzjoni.

Minghajr pregudizzju gie eccepit li kien hemm zmien bizzejjed sabiex jinsab xi hadd iehor ghall-vjagg biex b'hekk ma jintilfux il-flus li huma hallsu.

Illi gie eccepit ulterjorment illi fil-mument meta l-atturi applikaw ghall-assigurazzjoni naqqsu li jsemmu fatt materjali (*non disclosure of a material fact*) u li kieku kien issemma' dan il-fatt materjali (cioe` li kienu qed jistennew l-ezitu tad-*Diagnostic D & C*) l-konvenut ma kienx jaccetta r-riskju jew kien jaccettah b'eskluzjoni ghal dak li seta' jirrizulta mid-*Diagnostic D & C*.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. B'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi tat-2 ta' Frar 1996 il-konvenut gie mizmum responsabbli ghar-refuzjoni ta' l-ammont mitlub u konsegwentament gie kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm590 bl-ispejjez.

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza u interponiet appell minnha.

**<u>IL-FATTI FIL-QOSOR</u>** kif moghtija mis-socjeta` appellanti huma dawn:
"Illi fil-5 ta' Gunju 1991 l-attur ibbukkja ghat-*tour* in kwistjoni u hallas *deposit* ta' Lm40.

Mrs D. S. kellha storja ta' *post menopausal bleeding* li kien beda ghall-habta ta' Marzu 1991. Hija marret ghand it-tabib taghha Dr Tancred Busuttil akkompanjata minn bintha fit-22 ta' Gunju 1991.

Dr Tancred Busuttil irreferiha lill-*consultant* Mr Eddie Agius fl-Isptar San Luqa u marret ghall-appuntament fit-12 ta' Lulju 1991.

Fl-Isptar Mr Eddie Agius ordna li jsir *Diagnostic D & C*, cioe` raxkament sabiex mis-*samples* mehuda jsiru certu testijiet.

Fis-17 ta' Lulju 1991 D. S. marret l-Isptar u wara intervent kirurgiku sar id-*Diagnostic D & C* u gew mehuda is-

*samples* relattivi. D. S. u zewgha gew informati li fi zmien ftit gimghat jkollhom r-rizultat.

Fit-30 ta' Lulju 1991 l-atturi hallsu l-bilanc ghall-vjagg l-Germanja u Scandinavja li kellu jsir bejn is-17 u 31 ta' Awissu 1991.

Fl-1 ta' Awissu 1991 saret l-*proposal form* sabiex tinhareg *travel policy "standard"* mas-socjeta` konvenuta biex tkoprihom ghal 18- il gurnata mis-17 ta' Awissu 1991. Fil-proposal form ma ssemma xejn dwar l-intervent kirurgiku u li l-konjugi S. kienu qed jistennew ir-rizultat tad-*Diagnostic D & C*.

Fit-13 ta' Awissu 1991 hareg ir-rizultat tad- *Diagnostic D & C* u dan kien wiehed negattiv. Mrs S. giet informata immedjatament u fil-15 ta' Awissu 1991, fuq parir ta' Mr Eddie Agius, sar *Hysterectomy* fuqha u b'hekk l-vjagg gie kkancellat.

Minhabba f'hekk il-konjugi S. tilfu s-somma ta' Lm590 li ma gietx imhallsa lura lilhom mill-Astra Tours bhala "*cancellation fee*".

Huma ghamlu talba mas-socjeta` konvenuta liema talba giet rifjutata ghal zewg ragunijiet u cioe` minhabba ksur tal-*Health Warranty* u minhabba *non-disclosure* ta' fatt materjali".

L-aggravju tas-socjeta` konvenuta jikkonsisti f'dan li gej:
Illi succintament l-esponenti ma jaqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti trattat iz-zewg kriterji, cioe` dawk tal-*Health Warranty* u ta' *Non Disclosure*. L-ewwel Qorti ffurmat opinjoni dwar il-*Health Warranty* u kkonfondiet l-*Health Warranty* man-*non disclosure*. L-esponenti jidhirlu illi l-principji legali ghaz-zewg kazijiet huma separati u distinti u l-ezami taghhom ghandu jsir separatament. It-tnejn johorgu mill-kappa tal-principju ta' l-*uberrima fidei* izda l-applikazzjoni taghhom ghall-fatti huwa totalment differenti. Il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti hija riflessa f'sentenza wahda u cioe`:-

"Hija tal-fehma li l-kriterju li ghandu jigi adottat ghal interpretazzjoni tal-klawsola in desamina huwa dak soggettiv ghall-assigurat..."

Illi fis-sentenza ma hemm ebda argument jew raguni ghaliex it-test ghandu jkun purament soggettiv u tant ristrett lanqas ma nsibu argumenti dwar x'inhu fatt materjali u jekk dan kienx fatt materjali li kellu jigi zvelat.

Illi sabiex l-esponenti juri d-differenza bejn xi tfisser *Health Warranty* u d-distinzjoni bejn l-*Health Warranty* u *non disclosure* l-esponenti fl-ewwel lok sejjer l-ewwel jissottometti t-tezi tieghu dwar kif jifhem li ghandha tigi interpretata l-klawsola tal-*health warranty*. Il-punt ta' partenza huwa l-kliem fuq l-*proposal form* segwenti:-

"*The admission of claims ... are subject to the express warranty that any insured ... was not to the best of the knowledge and belief of insured ... receiving or awaiting medical or surgical treatment at the time of effecting the insurance".*

Id-dicitura innifisha tindika li t-test huwa soggettiv ghall-assigurant u dan partikolarment billi l-*proposal form* espressament tghid: "*to the best of the knowledge and belief of insured*".

L-esponenti ma ghandu ebda dubju li fil-mument li saret l-*proposal form*, l-atturi ma kienux jafu r-rizultat tad-*Diagnostic D & C* pero` jissottometti li wiehed m'ghandux jieqaf hawn.

Huma kienu jafu li Mrs S. kienet ghamlet intervent kirurgiku u li dan l-intervent ma kienx kura fih innifsu izda sar sabiex jittiehdu *samples*. Ir-rizultat johrog wara li s-*samples* jigu ezaminati. Kif xehed P. S.:-

"L-Isptar ma allarmawniex, u qalulna sempliciment illi kellna nistennew ir-rizultati"

u mbaghad fil-kontro ezami jghid

"Jiena sakemm it-Tabib kellu rizultat u informani bil-bzonn ta' l-operazzjoni, jiena ma kontx staqsejt lit-Tabib dwar ir-rizultat. Jiena ma kontx preokkupat bil-haga. Jiena lit-tabib meta kien se jaghmel it-test ma nformajtux illi jiena u l-mara konna ser insiefru u lanqas ma staqsejtu kienx hemm xi problema jekk insiefru. Nahseb jiena illi kieku staqsejtu kien jghidli kif nista' nghidlek qabel nara r-rizultat tat-tests x'ikun. (sottolinejar mill-esponenti).

Anke mix-xhieda ta' l-attrici D. S. jidher car li hi kienet taf li trid tistenna r-rizultat tas-*samples* mehuda:

"Dr. Buttigieg lili kien qalli illi jridu jsiru t-testijiet ghaliex sabu xi tracci li ma jafux x'inhuma. Dr. Buttigieg ma setghax jghidli dak in-nhar x'kienu dawn it-tracci, ghaliex dawna riedu jigu ezaminati, jridu jsiru t-*tests* fil-laboratorji, kien ghalhekk illi ried jaghmlu r-raxkament ....

Jiena wara li sarli l-iscraping ma cempiltx l-Isptar biex nistaqsi dwar ir-rizultat peress illi jiena kont gejt informata illi t-tests iridu gimghat u meta jkollhom r-rizultat kienu jibghatuhuli d-dar.

Dakinhar li sar l-intervent ma hemmx dubju li t-tobba setghu ma enfasizzawx is-serjeta` u l-konsegwenzi tat-test u dan probabilment ghaliex ma riedux jallarmaw lill-pazjenta bla bzonn. Pero` ghamluha cara li riedu jistennew ir-rizultat. Ghamluhielhom cara wkoll li dawn idumu gimghat. Mill-banda l-ohra l-konjugi kienu tant kreduli li ma jkollhom l-icken ideja ta' x'kien qed jigri? Kif jista' jinghad li ma kellhom l-icken suspett u li kienu genwini meta kienu jafu li r-rizultat tat-test idum xi gimghat? Certament kienu jafu li jridu jistennew ghar-rizultat biex ikollhom l-*all clear*. Dan kien il-*BEST knowledge and belief* ta' l-atturi?

L-esponenti jaghmel enfasi fuq il-kelma *Best* billi dan jitfa' piz fuq l-assigurat. L-assigurat huwa obbligat li jkun jaf bl-ahjar mezzi lilu permessibli dwar dak li qed jigri u l-konsegwenza tieghu – li jistaqsi u jkun konxju ta' x'inhu jsir madwaru. Billi wiehed jghaddas rasu u ma jsaqsix x'inhu jigri jew jinjora dak li lilu jinghad ma jkunx qed juza

l-ahjar diligenza. Jekk l-assigurat ikun traskurat jew *non-chalant* ma jkunx qed juza l-ahjar diligenza. Ix-xjenza tieghu f'dak il-mument ma jkunx l-*BEST knowledge and belief*.

Biex jispjega lilu nnifsu l-esponenti jaghti ezempju ta' ricettatur ta' hwejjeg misruqa. Jekk l-akkwirent ma jsaqsix l-provenjenza ta' l-oggetti u l-prezz mitlub ikun ftit jew wisq ragjonevoli, jista' jinghad li l-akkwirent ikun in *buona fede.* Pero` dan ma jkunx l-*best knowledge and belief* ghaliex huwa ma ghamilx dak li seta' jaghmel biex isir jaf il-provenjenza ta' l-oggetti. Normalment huwa ma jkunx obbligat li jaghmel hekk pero` f'dan il-kamp ta' l-assigurazzjoni l-assigurat huwa obbligat li juza l-intelligenza u d-doni kollha tieghu mill-ahjar li jista' biex jifhem ezattament l-import ta' dak li qed jigri.

Hawn li l-esponenti ma jaqbilx ma' l-ewwel Qorti. Li t-*test* huwa wiehed soggettiv ma hemmx dubju pero` minhabba li l-*proposal form* tuza l-kelma "*best*" jfisser li l-assigurat ghandu jkollu ghajnejh aktar miftuhin. Ghandu jistasi u fejn ma jifhimx jitlob spjegazzjoni. Ma jfissirx li jrid ikun jaf daqs it-tabib pero` fiha wisq x'tifhem bil-kelma "*diagnostic*"? Tista' tirrispondiha u tifhimha fi ftit sekondi. It-tobba qalu lill-konjugi S. li kellhom jistennew ir-rizultat tat-test u ghalhekk kienu jafu li l-intervent kien biss l-ewwel pass. Kienu jafu li riedu jistennew ir-rizultat.

Naturalment sa dak il-mument huma ma bassrux li l-attrici kellha kundizzjoni serja. Pero` mhux dak il-punt. Ma hemmx dubju li fil-mument li sar l-*proposal form* la l-atturi u lanqas it-tobba taghhom ma kienu jafu bir-rizultat tat-testijiet. Il-punt huwa li f'dak il-mument l-attrici kienet qed tistenna rizultat ta' test u li bhala rizultat ta' dan it-test kien hemm l-possibilita` ta' intervent kirurgiku.

Wara kollox x'kien l-iskop tat-*test*? L-iskop kien biex jigi ezaminat ir-rizultat u minn hemm wiehed jara x'kien hemm bzonn li jsir. It-*test* ma kienx kura fih innifsu.

Jekk l-atturi fehmu izda injoraw l-import tad-*Diagnostic D & C* dan ifisser biss li ma uzawx l-ahjar diligenza taghhom

fir-rigward. Assigurat prudenti u ghaqli huwa obbligat li juza l-ahjar diligenza tieghu biex ikun jaf x'qed jigri u juza din l-ahjar diligenza u jinforma lill-assigurazzjoni fil-mument meta issir il-*proposal form*.

It-tieni aspett tal-*Health Warranty* huwa wiehed kliniku. Meta sar id-*D & C* l-attrici kienet "*receiving or awaiting medical or surgical treatment*"? Dwar dan l-esponenti jissottometti illi johrog car illi d-*Diagnostic D & C* kien biss mezz li bih ittiehdu *samples* u minn hemm issir id-dijanjosi tal-kondizzjoni ta' l-attrici. L-eventwali intervent kien jiddependi mir-rizultat. Illi ghalhekk fil-mument li saret il-proposal form l-attrici kienet qed tistenna ir-rizultat tat-tests. Kif fil-fatt gara, jekk ir-rizultat kien wiehed hazin, kien ikun hemm bzonn ta' intervent kirurgiku immedjat. It-*tests* kienu l-ewwel pass u ghalhekk f'dak il-mument l-attrici kienet taht sorveljanza medika u jigi sottomess li anke ghal din ir-raguni dan l-kwezit gie sodisfatt.

Illi minghajr pregudizzju ghall-argumenti dwar il-*Health Warranty*, u dan ghaliex l-esponenti jidhirlu li bil-premess biss huwa bizzejjed biex jinghad li t-talba ta' l-attrici m'ghandhiex tigi milqugha, l-esponenti issa ser jghaddi <u>biex jikkonsidra l-aggravju dwar *non-disclosure*</u>.

Illi fis-sentenza ma nsibu ftit li xejn konsidrazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti dwar dan pero`, fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi gie sottomess illi fil-*proposal form* kien hemm "*condition*" li modifikat l-obbligu generali ta' *disclosure* bil-*Health Warranty*. Fil-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti dan l-aspett ma giex trattat izda mill-mod kif il-Qorti iddisponiet mill-kawza r-rizultat kien l-istess. Donnu l-Qorti riedet tghid li galadarba kien hemm il- *Health Warranty*, ma kienx hemm iktar obbligu *to disclose material facts* hlief b'mod assolutament soggettiv ghall-assigurat.

Illi l-esponenti ma jaqbel xejn ma' dan l-argument. L-atturi appellati fin-nota ta' osservazzjonijiet jekwiparaw l-*Health Warranty* ma' "*condition*" u li l-obbligu ta' *disclosure* huwa ristrett ghall-*Health Warranty* BISS. Izda bir-rispett kollu dan l-argument ma jaghmel ebda sens.

Kif sewwa qalu l-atturi, dan l-kuntratt huwa wiehed ta' adezjoni. L-assigurazzjoni toffrieh ghall-bejgh u min irid jixtrih kif inhu. F'dawn ic-cirkostanzi l-assigurazzjoni ser taghmel xi haga tant estrema li torbot ingassa maghha innifisha u telimina l-obbligu ta' *disclosure* ta' fatti materjali minghajr ma tissottoponi lill-assigurat ghall-ezami strett?

L-argumenti msemmija mill-atturi JISTGHU POSSIBILMENT japplikaw ghall-*Marine Insurance* izda certament ma japplikawx ghal-*TRAVEL policy*.

Fit-*travel policy* l-assigurat ma jigix sottopost ghall-ebda ezami. Huwa sempliciment jimla' l-formola u f'din il-formola kull ma jintalbu huma l-*particulars* tieghu. Hu biss ikun jaf il-fatti tieghu personali.

Huwa ghalhekk illi johrog l-obbligu ta' *disclosure*. L-assigurazzjoni taghti l-kunsens taghha fuq il-bazi li ma hemm xejn partikolari f'dak il-kaz li jirrifletti fuq ir-riskju assunt. L-assiguratur li qed jassumi r-riskju qed jibbaza l-*premium* fuq in-normalita` tal-kazijiet. Jekk hemm fatti materjali li jolqtu r-risku huwa jista' jiehu wahda minn tlett toroq:-

Jew jirrifjuta li jaccetta r-riskju
Jew jaccetta li johrog *policy* b'eccezzjoni ghal dak li jista' jinqala' b'rizultat ta' dan il-fatt materjali
Jew jaccetta l-polza inkondizzjonatament.

Biex jigi determinat x'inhu fatt materjali l-esponenti jaghmel referenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet fejn dan gie trattat fit-tul u li dwaru ma hemmx kontestazzjoni. Anke l-atturi jaqblu li fatt materjali u l-obbligu ta' *disclosure* huma spjegati tajjeb fl-istess nota.

Illi l-esponenti, bhala assiguratur prudenti ma kellux l-icken dubju jghid li kieku kien jaf li l-attrici kienet qed tistenna r-rizultat ta' *Diagnostix D & C* ma kienx jaccetta r-riskju. L-assigurat huwa obbligat li jizvela dak li jista' jolqot r-riskju u m'ghandux joqghod jistenna li ssirlu domanda partikolari u diretta. Kieku kellu dubju jekk il-fatt

kienx wiehed materjali kellu obbligu li jsemmih u imbaghad jispetta “lill-assiguratur prudenti” biex jara jekk dan il-fatt kienx tant materjali sabiex jirrifletti fuq il-hrug o meno tal-polza. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li ghat-*travel policy* l-*premium* huwa wiehed relattivament baxx. Zewg persuni hallsu Lm20 b’kollox biex ikollhom “*cover*” ghal 18-il gurnata. Din m’hiex *medical* jew *health policy* fejn il-*premium* ikun ferm akbar u fejn l-assigurat jigi sottopost ghal sensiela ta’ domandi fuq il-*proposal form* u anke ghall-ezami mediku.

Il-*wording* tal-*proposal* huwa pjuttost semplici u “*consumer friendly*” u l-kweziti huma referibbli ghall-*particulars*, destinazzjoni, perijodu tal-vjagg. Ma fihx domandi dwar il-kundizzjoni partikolari ta’ l-assigurat.

Dan anzi juri proprju l-oppost ta’ dak li jghidu l-atturi. Dan jitfa’ piz IKTAR QAWWI ta’ *disclosure*. Juri bic-car li l-obbligu ta’ *disclosure* kien dak li wiehed jistenna minn assigurazzjoni normali u li kien hemm ebda restrizzjoni ghal dan l-obbligu. Kieku kien hemm sensiela ta’ domandi estensivi wiehed ikun jista’ jiddesumi li l-assigurazzjoni jinteressawha biss dawk il-kweziti biss. F’dan il-kaz il-*Health Warranty* m’hiex *warranty* li saret wara sensiela ta’ domandi izda hija iktar fil-forma ta’ avviz (*warning*) biex jigi *highlighted* aspett wiehed biss tad-dottrina ta’ l-*uberrima fidei.*

Illi inoltre, anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument il-*Health Warranty* titqies bhala “*condition*”, ma jfissirx li l-obbligu ta’ *disclosure* jieqaf hemm. Kif gia` intqal l-atturi ma gewx sottoposti ghal domandi personali jew ezamijiet medici. Huwa evidenti li l-obbligu qatt ma kien intenzjonat li jigi cirkoskritt bil-mod kif donnu qed jargumentaw l-atturi.

Illi mill-provi jirrizulta illi fil-mument li l-attur applika ghall-polza, l-attrici kienet gia` ghamlet id-*diagnostic D & C* u li sa dakinhar kienet ilha xi hames xhur tbati mill-kondizzjoni. It-Tabib Dr Tancred Busuttil rreferiha ghall-*consultant* Mr Eddie Agius u l-ewwel rimarka tieghu kienet li messha giet mill-ewwel u mhux halliet tant zmien jghaddi.

Huwa naturali li meta sar id-*Diagnostic D & C* it-tobba ma jallarmawx lill-pazjenta. Huwa ben maghruf li l-inkwiet huwa kontro-produttiv. L-atturi ma staqsewx wisq domandi u t-Tobba hallewha hekk. Semplicement spjegaw li sabu tracci ta' xi haga, hadu *samples* u kellhom jistennew r-rizultat tat-*tests*.

Pero` ghall-assigurazzjoni dan kien fatt materjali. L-assigurazzjoni ma tistax tinjora l-fatt li l-attrici kellha tistenna r-rizultat tat-testijiet. Anke l-attur stess jammetti li kieku informa lit-Tabib dak inhar li sar it-*test* li kien bi hsiebu jsiefer, it-tabib kien jghidlu sabiex jistenna r-rizultat tat-*test*. L-atturi ma stennewx ir-rizultat tat-*tests*. Minflok talbu hrug ta' assigurazzjoni u serrhu rashom b'hekk, pero` dan minghajr ma informaw lill-assigurazzjoni dwar il-problemi medici ta' l-attrici.

Illi ghalhekk huwa car u manifest li l-atturi, ghalkemm possibilment ma kenux allarmati f'dak il-mument, kienu jafu li sar *test* u li kellhom jistennew gimghat sabiex ikunu jafu r-rizultat tieghu. Dan il-fatt ma giex zvelat fil-mument li talbu l-hrug ta' l-assigurazzjoni. Ghall-assiguratur prudenti dan jikkostitwixxi fatt materjali li jirrifletti fuq ir-riskju. Kieku gie zvelat kienet issir "*warranty*" fuqha jew ma kenitx tigi accettata t-talba ghall-hrug tal-polza. Illi ghalhekk l-atturi kienu obbligati li jizvelaw dan il-fatt u n-nuqqas timporta cahda ghat-talba odjerna.

Ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta talbet li din il-Qorti joghogobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-2 ta' Frar 1996 u konsegwentament tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**RISPOSTA TA' L-ATTURI APPELLATI GHAR-RIKORS TA' L-APPELL**

4. L-atturi appellati wiegbu hekk:

Illi s-sentenza appellata hija gusta, legalment korretta, u timmerita konferma;

L-appellant noe qieghed jinsisti (pag. 4 ta' l-appell): "Illi fis-sentenza ma hemm ebda argument jew raguni ghaliex it-*test* ghandu jkun purament soggettiv u tant ristrett lanqas ma nsibu argumenti dwar x'inhu fatt materjali u jekk dan kienx fatt materjali li kellu jigi zvelat".

L-appellat et jirrileva illi dan il-paragrafu jikkostitwixxi s-sintesi ta' l-appell ta' l-appellant noe. L-appellat et jirrileva illi r-risposta ghal dak il-paragrafu hija in parti semplici, ghaliex ovvja, u in parti dak il-paragrafu huwa zbaljat.

Ir-risposta ghad-domanda ghaliex it-*test* huwa soggettiv hija semplici: ghaliex il-polza hekk tghid.

Meta l-polza tghidlek illi "... *the insured ... was not to the best of the knowledge and and belief of the insured awaiting medical or surgical treatment at the time of effecting the insurance*", huwa car daqs il-kristall illi l-kuntratt bejn il-partijiet, li tant jishqu fuqu l-assigurazzjonijiet, jesigi test soggettiv.

L-appellat et jissottometti illi l-ewwel Qorti hija korrettissima dwar dan il-punt, u l-ebda argumentazzjoni ma tista' twassal ghall-interpretazzjoni diversa ta' kliem daqstant car.

L-appellant noe huwa imbaghad inkorrett meta jinghad illi fis-sentenza m'hemm xejn dwar jekk dan kienx fatt materjali li kellu jigi zvelat.

Is-sentenza tidhol fil-mertu tax-xhieda moghtija mill-esperti medici, inkluz it-tabib Pace prodott mill-appellant noe stess, li minnha tirrizulta:

i. Id-*Diagnostic D & C* huwa biss mezz ta' dianjozi, u mhux kura, u fil-maggoranza l-kbira tal-kazijiet ma jirrizulta xejn hlief movimenti ormonici fin-nisa; u

ii. Mir-raxkament biss, l-esperti stess ma setghux kienu jafu x'seta' kellha D. S., tanto meno setghu l-atturi P. u D. S..

Kif seta' kien fatt materjali a konjizzjoni ta' l-assigurat, meta ma kienx a konoxxenza ta' l-esperti, u lanqas seta' kien? U jekk ir-raxkament huwa dianjostiku, meta ghamlu l-assigurazzjoni l-atturi et ma kenux qed jistennew "*medical or surgical treatment*", kif trid il-polza, izda biss rizultat ta' *test* li fil-maggoranza l-kbira tal-kazijiet ikun negattiv.

Biex fatt ikun zvelat, jew ahjar zvelabbli, irid ikun materjali ghall-finijiet u skond it-termini tal-polza. Il-fatt ta' raxkament fih innifsu dianjostiku li jsir regolarment min-nisa b'esitu rarament negattiv, zgur li m'huwiex materjali ghall-finijiet tal-kuntratt assikurattiv in kwistjoni, specjalment ghaliex il-*warranty* hija evidentement soggettiva.

Fl-ahharnett, l-appellat et jaghmel riferenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ipprezentat fil-31 ta' Jannar, 1995, u ghad-dokumenti esebiti ma' dik in-nota, minn fejn jirrizulta ampju illi fil-gurisprudenza u fit-teorija tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, hija l-kundizzjoni espressa li ghandha tapplika meta l-partijiet jaghzlu li jimmodifikaw it-teorija generali fil-kuntratt stess.

B'hekk allura, l-ewwel Qorti kienet korrettissima li tiddeciedi kif iddecidiet, ghaliex fid-dawl tal-"*Health Warranty*", miftehma kontrattwalment, dak kien it-*test* li kellha tapplika.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. Mill-provi jirrizulta pacifiku li, kwantu ghall-fatti tal-kaz, fil-5 ta' Gunju 1991, l-attur ghamel "*booking*" ghal gita fl-Iskandinavja u hallas depozitu ghan-nom tieghu u ta' martu. Fit-30 ta' Lulju 1991, l-atturi hallsu l-bilanc kollu rimanenti ghall-vjagg organizzat mill-Astra Tours. Il-vjagg kellu jsir bejn is-17 u l-31 ta' Awissu 1991. Fl-1 ta' Awissu 1991 saret "*proposal form*" sabiex tinhareg polza ta' l-ivvjaggar tat-tip "*standard*" mas-socjeta` konvenuta appellanti li kellha tkopri liz-zewg appellati ghal zmien tmintax-il jum, jigifieri l-perijodu kollu li tulu huma jkunu fl-esteru. Fil-15 ta' Awissu 1991 pero`, jigifieri jumejn biss qabel id-data tat-tluq, l-attrici appellata D. S. giet

sottoposta ghal intervent kirurgiku ta’ natura serja u l-vjagg taghhom kkancellawh. L-atturi in segwitu ghamlu “*claim*” mas-socjeta` konvenuta bhala l-kumpanija assiguratrici ghall-fini ta’ rifuzjoni ta’ l-ammont imhallas lill-Astra Tours izda din il-“*claim*” giet respinta. L-atturi pprezentaw citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta u ottenew sentenza favurihom mill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Is-socjeta` konvenuta qeghda tappella minn din is-sentenza.

6. Ir-retroxena u flimkien mal-fatti hawn fuq esposti jirrizulta wkoll li l-attrici appellata, ghall-habta ta’ Frar u Marzu 1991, kienet innutat tisfija ta’ demm (“*spotting*”) f’entita` zghira. Wara li tkellmet ma’ wahda minn uliedha, hija kkonsultat ginekologu (Dr. Tancred Busuttil). Dana sehh fit-22 ta’ Gunju 1991. Dr. Busuttil irreferiha lill-konsulent Mr. Edward Agius fl-Isptar San Luqa u hija nghatat appuntament ghat-12 ta’ Lulju 1991 biex taghmel xi “*tests*” fl-Isptar.

Il-konsulent Agius ordna li l-pazjenta tigi sottoposta ghall-ezami dijanostiku maghruf bhala “*Diagnostic D & C*”. Dakinhar, ittiehdu minn fuq il-pazjenta xi kampjuni tad-demm ghall-fini ta’ analizi ulterjuri. Ma kien hemm l-ebda rizultat maghruf sa dakinhar dwar l-istat ta’ sahha ta’ l-attrici relattivament ghall-“i*spotting*” ta’ demm li kienet innutat . Ir-rizultat kellu jigi trasmess lill-atturi entro ftit gimghat minn dakinhar.

Ir-rizultat tad-“*Diagnostic D & C*” fil-fatt hareg fit-13 ta’ Awissu 1991. Minnu rrizulta li l-attrici kellha sintomi serji li kienu jinhtiegu intervent ta’ malajr. Hija giet infurmata b’dan minnufih u fil-15 ta’ Awissu 1991, fuq parir tal-konsulent Agius, l-attrici giet sottoposta ghal intervent kirurgiku maghruf bhala “*hysterectomy*” u l-vjagg gie kkancellat. In konsegwenza ta’ dan kollu, il-konjugi kienu tilfu s-somma ta’ Lm590 li ma gietx rifuza lilhom mill-kumpannija ta’ l-ivvjaggar bhala “*cancellation fee*”, u dan ukoll peress li, kif gia` intqal, il-“*claim*” li huma ghamlu mas-socjeta` assiguratrici giet rifjutata.

7. Tajjeb li jinghad ukoll li l-atturi f'ebda stadju ma kienu infurmaw lis-socjeta` konvenuta b'dak li kienet ghaddiet minnu l-attrici sal-mument li huma gew biex jikkancellaw il-vjagg. Jidher ukoll li s-socjeta` konvenuta rrifjutat it-talba ta' l-attrici ghar-rifuzjoni tal-prezz tal-vjagg ghal zewg ragunijiet, jigifieri minhabba vjolazzjoni tal-*"Health Warranty"* u minhabba "*non-disclosure*" ta' fatt materjali skond il-kundizzjonijiet tal-polza.

8. Is-socjeta` konvenuta appellanti tissottometti bhala aggravji li l-ewwel Qorti kkonsidrat b'mod zbaljat iz-zewg kriterji dwar l-implikazzjonijiet legali tal-*"Health Warranty"* u tan-"*non-Disclosure*". Apparti l-fatt li minflok ma l-ewwel Qorti kkunsidrat dawn iz-zewg aspetti tal-polza separatament, hija kkonfondiethom flimkien. Dan kien ezercizzju zbaljat, issostni s-socjeta` appellanti; dan peress li, ghalkemm "it-tnejn johorgu mill-kappa tal-principju ta' l-*uberrima fidei*, l-applikazzjoni taghhom ghall-fatti (kienet) totalment differenti."

9. Dwar il-*"Health Warranty"*, l-appellanti ssostni li minkejja li hemm tassew espress fiha l-element soggettiv ghal dak li jikkoncerna l-assigurat fil-"*proposal form*" hemm ukoll pero` mnizzel car u tond li l-livell ta' gudizzju ta' l-assigurat kellu jkun "*to the best knowledge and belief of insured*". Il-kwalifika "*best*" kienet tixhet oneru akbar fuq l-assigurat minn dak normali. L-assigurat kellu l-obbligu "li jkun jaf bl-ahjar mezzi lilu permessibbli dwar dak li qed jigri u l-konsegwenzi tieghu – li jistaqsi u jkun konxju ta' x'inhu jsir madwaru". L-atturi m'uzawx l-ahjar diligenza f'dan ir-rigward. Minbarra s-suespost, kien evidenti wkoll li, minn punto di vista kliniku, id-"*Diagnostic D & C*" kienet tirraprezenta biss parti minn process. Fi kliem iehor, l-attrici f'dan l-istadju kienet "*receiving or awaiting medical or surgical treatment*" kif jissemma fil-*"Health Warranty"*.

10. L-ewwel Qorti, inoltre, darba li hija ddeliberat dwar il-*"Health Warranty"*, donnha mbaghad ghazlet – dejjem skond is-socjeta` appellanti – li tiskarta ghal kollox is-sottomissjonijiet l-ohra validi, u distinti, li hija ressqet dwar l-element l-iehor tan-"*non-disclosure*". Ma jaghmilx sens l-

argument ta' l-atturi, tghid is-socjeta` appellanti, li l-*"Health Warranty"* tigi ekwiparata ma' kundizzjoni li effettivament giet tirrestringi l-obbligu ta' "*disclosure*" ghall-*"Health Warranty"* biss u xejn aktar minn hekk. L-assigurazzjoni kienet tenuta li tonora l-obbligi taghha, targumenta s-socjeta` konvenuta, fuq il-bazi li ma kien hemm ebda fatt partikolari x'wiehed kellu jirrileva li seta' jirrifletti fuq ir-riskju assunt mill-kumpanija assiguratrici. Ghal fini ta' assigurazzjoni, il-kundizzjoni ta' l-attrici, invece, kienet tikkostitwixxi "fatt materjali" li kien jirrifletti fuq ir-riskju assikurat.

11. Minn naha taghhom, l-atturi appellati jissottomettu li r-raguni l-ghala t-"*test*" li ried isir ghall-fini ta' kostatazzjoni dwar jekk il-kundizzjoni ta' l-attrici kellhiex tigi zvelata jew le, kien wiehed soggettiv. Hija l-polza stess li tghid hekk. Il-polza tghid car u tond illi
"*... the insured ... was not to the best of the knowledge and belief of the insured awaiting medical or surgical treatment at the time of effecting the insurance*" (sottolinear tal-Qorti).

It-"*test*" mela kien wiehed soggettiv u l-ewwel Qorti kienet ghal kollox korretta fid-decizjoni li tat. Fid-dawl tal-*"Health Warranty"* miftehma kontrattwalment, dak kien it-"*test*" li l-Qorti kellha taddotta. Biex fatt ikun "*disclosed*", htieglu jkun "materjali" ghall-finijiet u skond it-termini tal-polza. "Raxkament" fih innifsu, isostnu l-appellati, huwa process li jsir minn nisa fuq bazi regolari u rarament iwassal ghall-ezitu, ossija rizultat, li fih sabet ruhha l-attrici. Id-"*Diagnostic D & C*" hu biss mezz ta' dijanjosi, mhux kura. Kwindi minn punto di vista soggettiv, l-atturi ma kellhom assolutament l-ebda "fatt materjali" jew ta' interess, skond il-polza, li kellu jigi zvelat mas-socjeta` assigurattrici.

12. Mis-suespost jirrizulta bic-car li l-partijiet kontendenti m'humiex jaqblu bejniethom dwar kif wiehed ghandu jinterpreta l-polza ta' assikurazzjoni, msejha "*Inclusive Travel Insurance*" – li tinsab esebita fil-process a fol. 56 mill-atturi Dok. PS 2; u l-"*Inclusive Insurance Proposal*" – Dok. 911, a fol. 58 tal-process esebit mill-parti konvenuta. Incidentalment, din il-Qorti ratu kemmxejn stramb il-fatt li

minkejja li c-citazzjoni giet ipprezentata fir-Registru f'Novembru 1992, il-kontendenti esebew l-imsemmija dokumenti – li fuqhom timpernja l-vertenza – fl-ahhar ta' Ottubru 1993. Dan qieghed jinghad ukoll ghax din id-divergenza fil-mod kif wiehed ghandu jikkunsidra l-fatti antecedenti ghat-thassir tal-vjagg hija fattur bazilari ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza. Ghalhekk il-Qorti kienet tistenna li fl-ewwel lok il-partijiet kellhom jesebixxu l-polza, imbaghad jaghmlu l-provi li jidhrilhom utli u wara jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwarhom.

13. Il-parti appellanti ssottomettiet b'enfasi kbira li z-zewg aspetti tal-polza rigwardanti l-*"Health Warranty"* u n-"*non-disclosure*" mhux biss huma zewg kuncetti distinti u separati minn xulxin imma li ma kellhom qatt, kif ghamlet il-Qorti ta' l-ewwel grad, jigu konfuzi f'daqqa. <u>Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ma tikkondividix dan ir-ragonament</u>. Il-ftehim ta' assikurazzjoni bejn il-kontendenti kien ftehim <u>wiehed</u> u ghandu jinqara u jigi interpretat <u>*quid unum*</u>. Jekk qatt kien hemm dubju dwar dan ikun bizzejjed li ssir referenza ghal wahda mir-regoli mnizzlin fil-polza dwar dan – ara Dok. PS 2, fol. 56, a tergo, it-tielet paragrafu mill-ahhar – fejn jinghad li gej:-
"CONDITIONS – *This policy and the Schedule hereto shall be read together as one contract and any word or expression to which a specific meaning has been attached in any part of this Policy or of the Schedule shall bear such meaning wherever it may appear."*

Applikat is-suespost ghall-ftehim in ezami jfisser kwindi li l-*inclusive insurance proposal* – ara Dok. J.91, a fol. 58 tal-process – kellha mhux biss tinqara u tittiehed bhala parti integrali tal-polza kollha imma li kwantu ghal certi partikolaritajiet specifici dwar sahha, il-polza kellha wkoll tigi <u>regolata</u> mill-"*Health Warranty*" inkorporata fiha. Issa din il-"*Health Warranty*" kienet tispecifika espressament hekk: "*Health Warranty – The admission of claims under Section B, C and D of the Policy is subject to the express warranty that any*
*(a) Insured*
*(b) person with whom the Insured has arranged to travel or stay was not to the best of the knowledge and belief of*

*the Insured physically or mentally handicapped or receiving or awaiting medical or surgical treatment at the time of effecting the insurance.....*"

14. Kif gustament irriteniet l-ewwel Qorti t-'*test*' li htieglu jsir dwar l-gharfien ("*knowledge*") u t-twemmin ("*belief*") rikjest da parti ta' l-assigurat, ankorke` kkwalifikat bl-aggettiv "*best*", kien wiehed essenzjalment soggettiv u mhux xort' ohra.

Issa li kieku l-aspett tan-"*non-disclosure*" kellu jigi kkunsidrat ghalih wahdu, allura f'dak il-kaz, wiehed tassew seta' jargumenta li l-process dijanostiku li kienet ghaddejja minnu l-attrici appellata kien fatt materjali li messu gie zvelat lill-kontroparti assiguratrici proprju in adempiment ta' l-obbligu li wiehed jizvela kull fatt materjali. Izda in vista tal-kontenut tal-"*Health Warranty*", li tinghata importanza kwazi esklussiva fl-"*insurance proposal form*", il-konsulenza medika li fittxet l-attrici minhabba l-"i*spotting*" li rriskontrat fuq persunitha, ma kenitx tinkwadra ruhha taht dawk il-kundizzjonijiet espressament imsemmijin fil-"*Health Warranty*".

15. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, meta wiehed jigi biex jgharbel u jizen il-fatti tal-kaz, irid izomm quddiem ghajnejh li sat-13 ta' Awissu 1991, igifieri erbat (4) ijiem biss qabel id-data tat-tluq ta' l-atturi, huma kienu ghadhom injari minn dak li seta' jemergi mid-dijanjosi. Wiehed hawn irid joqghod ferm attent li ma jigix wisq impressjonat bil-fatt li fl-ahhar mill-ahhar irrizulta li l-attrici kellha kundizzjoni serja li htegilha intervent urgenti u magguri. Fi kliem iehor, biex wiehed jistabbilixxi l-*forma mentis* ta' l-attur fil-mument li dan ottjena l-assigurazzjoni *de quo* ghalih u ghal martu minghand is-socjeta` konvenuta, ma jistax jaghmel dan per via ta' ragjonament kondott *ex post facto*. Is-sinjali ta' tisfija ta' demm li rriskontrat l-attrici u li wasluha biex tikkonsulta tabib u wara konsulent normalment ma kenux dejjem iwasslu ghal intervent ta' operazzjoni li htegilha taghmel l-attrici. Kienet possibilita` veru, imma mhux il-probabilita`. Kien proprju ghalhekk li l-atturi baqghu bil-fehma li kienu sejrin isiefru u kien ukoll ghalhekk li hallsu l-ammont kollu dovut ghall-vjagg u

sahansitra kellhom kollox ippreparat bil-valiggi lesti ghall-vjagg.

16. Kif gustament osservat l-ewwel Qorti l-buona fede ta' l-attur kienet tittrapela mill-genwinita` tieghu. Hija rriferiet ghax-xiehda segwenti (fol. 21 tal-process)
"Dakinhar li kienu saru t-testijiet u cioe` fis-17 ta' Lulju, jien kont staqsejt lit-Tabib Agius u lil nurses ohra li kienu prezenti biex ighiduli meta stajna nistennew ir-rizultat. Dawna kienu qaluli illi r-rizultat kien johrog bejn erba' u sitt gimghat wara d-data tat-testijiet. Ghalhekk jien ikkalkulajt illi peress illi l-vjagg tieghu u ta' marti lejn l-Iskandinavja kellu jibda fil-gurnata tas-17 ta' Awissu 1991 u kellu jdum gimghatejn, meta konna naslu lura Malta konna nsibu r-rizultati tat-testijiet. Ghalhekk, jiena f'mohhi – minhabba fil-fatt li marti u uliedi, specjalment binti Licia – qatt ma allarmawni dwar li l-mara seta' kellha xi haga serja, ma kelli ebda hjiel illi dak li kienet sejra taghmel il-mara seta' kien ta' certa serjeta` u kellu jigi rimedjat b'certa urgenza w imminenza".

Lanqas ma jista' jinghad li dan il-gudizzju soggettiv da parti ta' l-attur appellat ma kienx wiehed "ottimali" a tenur ta' dak li hemm imnizzel fil--"*Health Warranty*". Di fatti l-konsulent Agius iccertifika bil-miktub bil-gurament tieghu (ara fol. 61 u 62 tal-process) li
"..... qabel ma wasal ir-rapport istologiku ghandi, fit-13 ta' Awissu 1991, lanqas jien ma stajt inkun naf illi l-kundizzjoni tal-pazjenta kienet ser tirrikjedi operazzjoni urgenti. Tanto-meno setghet tkun taf il-pazjenta bil-gravita` tal-kaz taghha qabel ma nfurmajt lil zewgha jien fit-13 ta' Awissu 1991".

17. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti qieset il-vertenza fuq il-binarju korrett minn punto di vista ta' dritt. Jidhrilha wkoll li l-evalwazzjoni tal-provi li hija ghamlet kienet wahda gusta u korretta. Ghalhekk hija tal-fehma li l-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti huma nfondati u qeghdin jigu respinti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-

socjeta` konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

U peress li f'din is-sentenza jissemmew fatti ta' natura personali u intima fir-rigward ta' l-attrici appellata, il-Qorti tordna li fil-kopja tas-sentenza li tigi pubblikata fuq l-internet l-ismijiet ta' l-atturi kull fejn jirrikorru (inkluz fl-okkju) jigu indikati biss bl-ittri PS u DS.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------